2024/3197

16.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/3197

tal-10 ta' Diċembru 2024

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/2/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-26 ta' Marzu 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1017 ([2]), li taħtar lis-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Mejju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

(3) Fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3096 ([3]), li testendi l-mandat tal-EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2025 sat-28 ta' Frar 2027.

(4) Fit-28 ta' Ottubru 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li jestendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1017 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2024) (ĠU L, 2024/1017, 2.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1017/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3096 tal-5 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L, 2024/3096, 6.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3096/oj).